MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 528/2002/1

**MSD Consulting Ltd.**

**-vs-**

**Dr.Peppe Fenech Adami u l-P.L Hilda Ellul Mercer b'digriet tad-19 ta' Lulju 2002 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapresentaw lil assenti Michael Dyment f'ismu proprju kif ukoll in rappresentanza ta' Andrew Anderson LLD.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-8 ta' Mejju 2002, li permezz taghha is-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici giet imqabbda flimkien mal-konvenuti sabiex trendi servizzi professjonali lis-socjeta' Air Malta p.l.c; fuq inkarigu tal-istess socjeta' Air Malta p.l.c.

Illi s-socjeta' attrici u l-konvenuti, jew min minnhom qablu li jwettqu x-xoghol in kwistjoni flimkien.

Illi s-socjeta' attrici wettqet il-parti tax-xoghol rikjest minnha b'mod professjonali skond il-ftehim pattwit bejn is-socjeta' attrici u l-konvenuti.

Illi l-hlas in kwistjoni kellu jsir mis-socjeta' Air Malta p.l.c lill-konvenuti u dawn imbaghad ihallsu lis-socjeta' attrici ghax-xoghol imwettaq minnha u peress illi dan il-hlas minn naha tal-konvenuti lis-socjeta' attrici ghax-xoghol in kwistjoni baqa' ma sarx minkejja li s-socjeta' Air Malta halset lill-konvenuti jew min minnhom.

Illi l-valur tas-servizzi professjonali ghal dik li hi l-parti tas-socjeta' attrici tammonta ghal wiehed u sittin elf seba' mija u sebgha u tletin lira Maltin u tmien centezmi (Lm61,737.08) rapprezentanti s-sehem tas-socjeta' attrici ghas-servizzi professjonali rezi minnha flimkien mal-konvenuti fuq inkarigu tas-socjeta' Air Malta p.l.c. u precizament s-somma ta' hamsa u tletin elf mitejn u hdax-il lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm35,211.26) dovuta in kwantu ghal xoghol fuq 'business plan' maghmul mis-socjeta' attrici, u wiehed u ghoxrin elf mija sitta u ghoxrin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm21,126.76) in kwantu ghas-sehem tas-socjeta' attrici miftiehem fis-'success fee' rigwardanti bejgh ta' ajruplani u hamest elef tlett mija disgha u disghin lira Maltin u sitt centezmi (Lm5,399.06) in kwantu ghal spejjez addizzjonali mahruga bhala parti mis-servizzi professjonali fuq imsemmija

mill-istess socjeta' attrici.

Illi ghalkemm debitament interpellati, anki ufficjalment permezz tal-ittra ufficjali datata (sic) ta' April, 2002 sabiex ihallsu dan l-ammont, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-ammont ta' wiehed u sittin elf, seba' mija sebgha u tletin lira Maltin u tmien centezmi (Lm61,737.08) fuq imsemmi huwa l-valur tas-servizzi professjonali rezi kif fuq imsemmija mis-socjeta' attrici.

2. Tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri ghall-ammont ta' wiehed u sittin elf, seba' mija sebgha u tletin lira Maltin u tmien centezmi (Lm61,737.08) rapprezentanti prezz ta' servizzi professjonali rezi mis-socjeta' attrici flimkien mal-konvenuti fuq inkarigu tal-Air Malta p.l.c; stante illi l-istess konvenuti jew min minnhom thallas mis-socjeta' Air Malta p.l.c.

3. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici l-ammont ta' wiehed u sittin elf, seba' mija sebgha u tletin lira Maltin u tmien centezmi (Lm61,737.08).

Bl-ispejjez inkluz ta' l-ittra ufficjali datata (sic) ta' April, 2002 u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn George Gregory ID 65270(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ppresentata fit-8 ta' Ottubru 2002 li permezz taghha id-Deputati Kuraturi eccepew:

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatt li taw lok ghal din il-kawza u jirrizervaw illi jippresentaw nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba jkunu edotti mill-fatti.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tad-deputati kuraturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta’ Marzu 2004 li permezz taghha il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Illi l-atturi ippresentaw affidavits ta’ David Gregory u Deo Scerri illi ikkonfermaw id-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni li gia’ kien halef George Gregory; il-konvenut nomine ikkonferma fil-verbal tas-seduta fuq imsemmija li ma rnexxilux jaghmel kuntatt mal-persuni rappresentati minnu ghaliex anke l-atturi ma kienux f’pozizzjoni li jghaddulu informazzjoni dwar dan.

Billi ghalhekk it-talba tas-socjeta’ attrici mhijiex kontradetta.

**Tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u ghalhekk:**

**1. Tiddikjara li l-ammont ta’ wiehed u sittin elf seba mija u sebgha u tletin lira u tmien centezmi hu l-valur tas-servizzi professjonali rezi mis-socjeta’ attrici.**

**2. Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri ghall-ammont ta’ Lm61,737.08 rappresentanti prezz ta’ servizzi professjonali rezi mis-socjeta’ attrici flimkien mal-konvenuti fuq inkarigu ta’ Air Malta p.l.c stante li l-istess konvenuti thallsu mill-istess Air Malta p.l.c.**

**3. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ Lm61,737.08.**

**Bl-ispejjes jigu sapportati mill-konvenuti izda l-atturi ghandhom provizorjament ihallsu lill-kuraturi deputati.**

**L-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta’ Mejju 2002 u tas-26 ta’ Awissu 2002 jigu sopportati mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------